Żurrieq	Porzjoni mill-art Ta' Ħal Lew sive Ta' San Tumas tal-kejl ta' 13,950 m.k., kontrada ta' Bir il-Wilġa;	Il-Gvern ta' Malta		2624/07
Żurrieq	*A portion of the land Ta' Ħal Lew sive Ta' San Tumas covering an area of 13,950 s.m., district of Bir il-Wilġa;*	*The Government of Malta*		

L-applikazzjonijiet, pjanti ta' l-art u d-dokumenti preżentati magħhom, jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru ta' l-Artijiet, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Valletta, bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m. (ħinijiet tax-Xitwa) u bejn it-8.00 a.m. u l-11.30 a.m. (ħinijiet tas-Sajf).

Dott Stephanie Pappalardo, LL.D.
Reġistratur ta' l-Artijiet

It-28 ta' Settembru, 2007

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Valletta, between 8.00 a.m. and 1.00 p.m. (Winter hours) and between 8.00 a.m. and 11.30 a.m. (Summer hours).

Dr Stephanie Pappalardo, LL.D.
Land Registrar

28th September, 2007

Nru. 861


ISMIJIET TA' TOROQ F'MALTA


BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 22 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern ordna li t-toroq speċifikati fl-ewwel kolonna ta' din l-iskeda għandhom jiġu msemmija mill-ġdid kif speċifikat fit-tieni kolonna jew kif indikat fuq il-mappa riprodotta ta' l-istess skeda msemmija.

No. 861

NAMING OF STREETS IN MALTA

IN exercise of the powers conferred by Section 22 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Minister for Justice and Home Affairs has directed that the streets specified in the first column of the subjoined schedule be renamed as specified in the second column or as indicated on the reproduced map of the schedule.

MARSAXLOKK Triq immarkata bin-Nru. 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma: TRIQ GHAJN OSIRIS Triq immarkata bin-Nru. 2 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma: TRIQ IL-BARRAKKI	

MARSAXLOKK It-toroq immarkati bin-numri 1 sa 5 fuq il-mappa hawn riprodotta jissemmew kif ġej: 1. TRIQ TONIN ATTARD PADRUN MARITTIMU 1823 – 1895 2. TRIQ IL-BEATU BARTOLO LONGO 1841 – 1926 3. TRIQ L-ISKOLA L-ANTIKA 4. DAHLET ĠUŻEPPI STAGNO SCOUT MASTER 1913 – 1974 5. WESGĦA DUN ĠUŻEPP CARUANA KAPPILLAN 1914 – 1992	

MARSAXLOKK


It-toroq immarkati bin-numri 1 sa 4 fuq il-mappa hawn riprodotta jissemmew kif ġej:

1. PJAZZA
   L-MADONNA
   TA' POMPEI

2. TRIQ CADEO
   BELT TALJANA TEWMIJA

3. TRIQ
   JOSEPH M. BARBARA
   SURMAST TAL-BANDA
   1916 – 2004

4. TRIQ IT-8 TA' MEJJU




MARSAXLOKK

It-toroq immarkati bin-numri 1 sa 3 fuq il-mappa hawn riprodotta jissemmew kif ġej:

1. TRIQ
   IL-PATRIJIET
   TEREŻJANI

2. TRIQ
   L-AVUKAT
   CARMELO CARUANA
   POLITIKU
   1916 - 1992

3. TRIQ
   IL-POWER STATION




MARSAXLOKK
Għoti ta' ismijiet uffiċjali lil toroq/sqaqien

It-triq magħrufa bħala Triq Marsaxlokk (Marsaxlokk Road) mit-*traffic lights* ta' Triq Għar Dalam, Għaxaq, fid-direzzjoni ta' Marsaxlokk, safejn tiżbokka Triq it-Torri, Marsaxlokk san-niċċa tar-Redentur tissemma uffiċjalment	TRIQ MARSAXLOKK
It-triq magħrufa bħala Triq iż-Żejtun (Zejtun Road) minn fejn tiżbokka Triq it-Torri, Marsaxlokk kantuniera man-niċċa tar-Redentur u li twassal sal-pjazza ta' quddiem il-Knisja tal-Madonna ta' Pompei, f'Marsaxlokk, tissemma uffiċjalment	TRIQ IŻ-ŻEJTUN
Sqaq Nru 1, l-eqreb lejn in-niċċa tar-Redentur li jiżbokka ġo Triq iż-Żejtun għandu jiġi msemmi uffiċjalment	TRIQ IŻ-ŻEJTUN, SQAQ NRU 1
Sqaq Nru 2, mal-ġenb tal-ġibjun li jiżbokka ġo Triq iż-Żejtun għandu jiġi msemmi uffiċjalment	TRIQ IŻ-ŻEJTUN, SQAQ NRU 2
Sqaq Nru 3, l-eqreb lejn il-Parroċċa li jiżbokka ġo Triq iż-Żejtun għandu jiġi msemmi uffiċjalment	TRIQ IŻ-ŻEJTUN, SQAQ NRU 3

MARSAXLOKK

Il-parti tat-triq fid-direzzjoni taż-Żejtun faċċata tal-Kappella ta' Tas-Silġ immarkata bin-numru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:


TRIQ
XROBB IL-GĦAĠIN



IS-SIĠĠIEWI

It-triq immarkata bin-numru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:

TRIQ
SAN ĠORĠ PRECA
1880 - 1962



Nru. 862


ISMIJIET TA' TOROQ F'GĦAWDEX


BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 22 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern ordna li t-toroq speċifikati fl-ewwel kolonna ta' din l-iskeda għandhom jiġu msemmija mill-ġdid kif speċifikat fit-tieni kolonna ta' l-istess skeda msemmija.

No. 862

NAMING OF STREETS IN GOZO

IN exercise of the powers conferred by Section 22 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Minister for Justice and Home Affairs has directed that the streets specified in the first column of the subjoined schedule be renamed as specified in the second column of the schedule.

L-GĦARB Sqaq immarkat bin-Nru. 1 fuq il-mappa hawn riprodotta jissemma: TRIQ FRANĠISK PORTELLI, SQAQ NRU 1 Sqaq immarkat bin-Nru. 2 fuq il-mappa hawn riprodotta jissemma: TRIQ FRANĠISK PORTELLI, SQAQ NRU 2 Sqaq immarkat bin-Nru. 3 fuq il-mappa hawn riprodotta jissemma: TRIQ FRANĠISK PORTELLI, SQAQ NRU 3 Sqaq immarkat bin-Nru. 4 fuq il-mappa hawn riprodotta jissemma: TRIQ FRANĠISK PORTELLI, SQAQ NRU 4	

IR-RABAT Dik il-parti ta' Triq il-Miħna li tinsab bejn Triq Anton Tabone u Triq Għajn Qatet immarkata bin-numru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma: TRIQ IĊ-ĊANGAR	


IL-FONTANA

It-triq li tgħaqqad Triq il-Għajn ma' Triq is-Sajjieda mmarkata bin-numru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:

TRIQ
DUN ĠUŻEPP GRIMA
BENEFATTUR (1854 - 1921)

Il-parti ta' Triq is-Sajjieda li ġiet prolungata u tiżbokka fi Triq il-Kappillan Hili, immarkata bin-numru 2 fuq il-mappa hawn riprodotta, tingħaqad ma' u tissemma:


TRIQ IS-SAJJIEDA



KERĊEM

Il-kumpless sportiv fi Triq Wenzu Mintoff immarkat bin-numru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta jissemma:


KUMPLESS SPORTIV
RAYMOND MERCIECA
1965 - 2004



GĦAJNSIELEM

It-triq bejn Triq il-Ġnien u Triq Bengħaži mmarkata bin-numru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:


TRIQ
MANOEL PINTO
DE FONSECA
GRANMASTRU
1741 - 1773



GĦAJNSIELEM

Dik it-triq li minn Triq Santu Liju tieħu għax-Xatt l-Aħmar u mmarkata bin-numru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:

TRIQ
IL-FUGAZZ




IŻ-ŻEBBUĠ - **Korrezzjoni**

Triq l-Oniċe għandha tinqara …….. TRIQ L-ONIĊI

IŻ-ŻEBBUĠ
Kjarifikazzjoni ta' Triq

Triq l-Oniċi għandha tibda minn Pjazza l-Madonna tal-Virtut u tiżbokka fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċri, mmarkata bin-numru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta.



IL-FONTANA - Bdil fl-Isem

Sqaq Bieb il-Għajn għandu jinqara ……..……. TREJQET BIEB IL-GĦAJN

Nru. 863

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)
(KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
20. 09. 07	Lm7.19.2 (€16.75,2)	Lm0.13.9 (€0.32,4)
24. 09. 07	Lm7.25.9 (€16.90,8)	Lm0.14.3 (€0.33,3)
25. 09. 07	Lm7.23.6 (€16.85,5)	Lm0.14.3 (€0.33,3)
26. 09. 07	Lm7.20.9 (€16.79,2)	Lm0.14.2 (€0.33,1)
27. 09. 07	Lm7.18.1 (€16.72,7)	Lm0.14.1 (€0.32,8)

It-28 ta' Settembru, 2007

No. 863

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

28th September, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 98

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 101/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu klassifikati bħala zoni ta' rmonk, kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa ta' l-Artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Raħal Ġdid

Nhar it-Tnejn, l-1 ta' Ottubru, 2007, mis-6.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza Antoine De Paule, il-Knisja, Ġużè D'Amato u Lampuka bejn Triq il-Knisja u Triq Ġużè D'Amato.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġett li jiġu rmonkati.

It-28 ta' Settembru, 2007

POLICE NOTICE

No. 98

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as tow zones as indicated hereunder.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulation (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Paola

On Monday, 1st October, 2007 from 6.00 a.m. onwards, through the following streets: Pjazza Antoine De Paule, il-Knisja, Ġużè D'Amato and Lampuka between Triq il-Knisja and Triq Ġużè D'Amato.

Vehicles found in contravention of this Notice are subject to be towed.

28th September, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 99

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 94/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' rmonk kif jidher fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-Artikolu 52 (1) ta' l-Ordnijiet dwar Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65) il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu, jiddawru jew jipparkjaw mat-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Valletta

Il-Ħadd, 30 ta' Settembru, 2007, mis-7.00 a.m. sad-9.00 p.m. ġewwa l-parkeġġ tal-Bank Ċentrali ta' Malta.

It-28 ta' Settembru, 2007

POLICE NOTICE

No. 99

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as no parking and tow zones as shown on the dates and times indicated.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Valletta

On Sunday, 30th September, 2007, from 7.00 a.m. to 9.00 p.m. at the Central Bank Parking area.

28th September, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 100

Bis-saħħa ta' l-Artikolu 52 (1) ta' l-Ordnijiet dwar Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65) il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jipparkjaw mat-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Iż-Żejtun

Nhar il-Ħadd, it-30 ta' Settembru, 2007, mit-8.00 a.m. 'il quddiem, mit-toroq li ġejjin: Santa Katerina, Sant' Anġlu, Pjazza Carlo Diacono, Mater Boni Consigli, Gregorio Bonnici u Misraħ ir-Repubblika.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż huma soġġetti li jiġu rmunkati.

It-28 ta' Settembru, 2007

POLICE NOTICE

No. 100

In virtue of section 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles are prohibited through the streets mentioned hereunder on the dates and times indicated.

Żejtun

On Sunday, 30th September, 2007, from 8.00 a.m. onwards, through the following streets: Santa Katerina, Sant' Anġlu, Pjazza Carlo Diacono, Mater Boni Consigli, Gregorio Bonnici and Misraħ ir-Repubblika.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

28th September, 2007

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 64 ta' l-2007

Raft Race fil-Port ta' Marsamxett

Se ssir *raft race* matul l-Istrand, il-Gżira, nhar il-Ħadd, 7 ta' Ottubru, 2007, bejn l-10.00 a.m. u s-1.00 p.m.

It-tellieqa se ssir max-Xatt, il-Gżira, l-aktar ħamsin (50) metru minn max-xatt. It-tluq ikun mill-Pont ta' Manoel

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 64 of 2007

Raft Race at Marsamxett Harbour

A raft race along the Strand, Gżira, will be held on Sunday, 7th October, 2007, between 10.00 a.m. and 1.00 p.m.

The race will be along the Strand, Gżira mainly within fifty (50) metres off the shoreline. The start will be at the Manoel

Island, imbagħad max-xatt ta' l-Istrand għal 300 metru u lura sal-pont.

Minħabba dan ta' hawn fuq, baħħara li jkunu jbaħħru fi Sliema Creek u fil-viċinanzi tal-pont ta' Manoel Island fil-Port ta' Marsamxett huma avżati biex joqogħdu attenti għal parteċipanti, biex iżommu 'l bogħod minnhom u biex ibaħħru bil-mod ħafna fid-data u l-ħinijiet imsemmi hawn fuq.

Chart effettwata: BA Chart 177.

It-28 ta' Settembru, 2007

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru 65 ta' l-2007

Ħruq ta' Murtali minn fuq Barkun irmiġġat 'l hinn mill-Ponta ta' Sant' Anġlu, il-Port il-Kbir

Se jinħarqu murtali fil-Port il-Kbir minn fuq barkun irmiġġat 'l hinn mill-Ponta ta' Sant' Anġlu, 200 metru mill-eqreb xatt, nhar il-Ħadd, 30 ta' Settembru, 2007.

Nhar is-Sibt 29 ta' Settembru, 2007, il-barkun se jkun irmiġġat fil-pożizzjoni li ġejja 'l hinn mill-ponta ta' Bighi f' xi t-8.00 a.m. sabiex jgħabbi l-murtali.

Latitude (T)	*Longitude (L)*
$35^{0}53'.58$	$14^{0}31'.26$

Il-barkun se jibqa' f'dil-pożizzjoni sa l-għada l-Ħadd, 30 ta' Settembru, 2007.

Għal xi t-8.30 p.m. il-barkun se jkun irmunkat mill-pożizzjoni msemmija u jiġi ankrat 200 metru 'l bogħod mill-ponta ta' Sant' Anġlu u 200 metru mill-Belt Valletta kif hemm fiċ-*chart* murija fuq il-*website* ta' l-Awtorità:
http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

Il-logħob tan-nar innifsu se jibda għad-9.15 p.m. ħin lokali.

Wara li jinħarqu l-murtali, il-barkun se jitneħħa minn postu.

Minħabba dan, dħul/ħruġ fil-/mill-Port il-Kbir se jkunu sospiżi bejn it-8.30 p.m. u l-9.45 p.m. nhar il-Ħadd, 30 ta' Settembru, 2007.

Il-baħħara huma mwissija biex jobdu l-ordnijiet li jingħataw mill-Valletta Port Control (VTS).

Island bridge, then along the Strand coast for 300 metres and back to the bridge.

In view of the above, mariners navigating in Sliema Creek and in the vicinity of Manoel Island bridge in Marsamxett Harbour are advised to keep a sharp lookout for the participants, to give a wide berth and navigate at very slow speed on the date and times mentioned above.

Chart affected: BA Chart 177.

28th September, 2007

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 65 of 2007

Fireworks Display from a Barge moored off St Angelo Point, Grand Harbour

Fireworks display will be held in the Grand Harbour, from a barge moored off St Angelo Point, 200 metres from the nearest shore on Sunday, 30th September, 2007.

On Saturday 29th September, 2007, the barge will be moored in the following position off Bighi point at about 8.00 a.m. in order to load the fireworks.

Latitude (N)	*Longitude (E)*
$35^{0}53'.58$	$14^{0}31'.26$

The barge will remain in this position until the following day Sunday, 30th September, 2007.

At about 8.30 p.m. the barge will be towed from the above position and anchored 200 metres from St Angelo point and 200 metres from Valletta as per chart shown on the Authority's website:
http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

The actual fireworks display will commence at about 9.15 p.m. local time.

Following the display the barge will be removed.

In view of the above entry/departure in/from the Grand Harbour will be suspended between 8.30 p.m. and 9.45 p.m. on Sunday, 30th September, 2007.

Mariners are warned to obey instructions given by Valletta Port Control (VTS).

Il-pożizzjoni tirreferi għall-WGS 84 Datum.

Chart affettwata: BA 177 murija fuq il-*website* isemmija aktar qabel.

It-28 ta' Settembru, 2007

Position referred to WGS 84 Datum.

Chart affected: BA 177 shown on the abovementioned website.

28th September, 2007

OĠĠETTI MISJUBA U KKONSENJATI LILL-PULIZIJA

Din li ġejja hija lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Għawdex skond l-artikolu 564 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija
Il-Furjana.

John Rizzo
Kummissarju tal-Pulizija.

Lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Għawdex matul il-perjodu Jannar sa Ġunju 2007.

DATA	DESKRIZZJONI TA' L-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
02.01.07	Portmoni bil-flus	George Xerri
02.01.07	Żewġ brazzuletti ta' metall abjad	Mary Attard
02.01.07	Arloġġ ta' l-idejn tan-nisa	Rose Portelli
08.01.07	Ċurkett tat-tieġ ta' metall abjad/isfar	John Cassar
15.01.07	Flus	John Vella
25.01.07	Arloġġ ta' l-idejn ta' metall abjad	Giorgio Gauci
26.01.07	Flus	Francis Grech
29.01.07	Flus	Mariana Farruga
30.01.07	Arloġġ ta' l-idejn ta' metall isfar	Frances Calleja
04.02.07	*Mobile phone*	Wenzu Rapa
07.02.07	Flus	Carmela Sultana
12.02.07	Kartiera bil-flus u BOV cashlink ta' Joseph Galea	Mario De Giorgio
19.02.07	Kartiera bil-flus, HSBC visa card u BOV ta' Gatthard Tabone	Ivan Paul Cassar
23.02.07	Flus	Giorgia Debrincat
26.02.07	*Mobile phone*	Walter Portelli
26.02.07	Ġiżirana ta' metall abjad bil-ħaġar	George Cassar
05.03.07	Ċurkett ta' metall isfar	Maria Teresa Grech
07.03.07	Kartiera bil-flus	Frank Reynolds
12.03.07	Pendent reliġjuż ta' metall isfar	Giorgia Scerri
20.03.07	Katina u pendent ta' metall isfar	Erica Farrugia
26.03.07	Mountain bike	Maria Refalo
26.03.07	Basket, ingwanti, portmoni u flus	Sharona Refalo
26.03.07	Brazzuletta ta' metall isfar b'sitt pendenti	Eugenio Attard
10.04.07	Misluta ta' metall isfar	Rita Attard
16.04.07	*Mobile phone*	Eucharistico Attard
16.04.07	Kartiera bil-flus	Taddeo Grech
17.04.07	*Crash helmet*	George Farrugia
18.04.07	Żewġ brazzuletti ta' metall abjad	Rita Xuereb
23.04.07	Karta ta' l-identità ta' Benjamin Farrugia	Anthony Spiteri
23.04.07	Kartiera bil-flus u *lighter*	Francesco Xiberras
26.04.07	Arloġġ ta' l-idejn ta' l-irġiel ta' metall abjad	Francis Haber

02.05.07	*VHF radio*	Ronnie Borg
11.05.07	Misluta ta' metall isfar	Audrey Pace
18.05.07	Kartiera bil-flus u ċavetta	Maria Gauci
23.05.07	*12 channel GPS*	Mario Cini
01.06.07	Arloġġ ta' l-idejn tat-tfal	Vincent Apap
08.06.07	Portmoni bil-flus	Antonia Sammut
12.06.07	Flus	Mary Rose Scicluna
12.06.07	Flus	Rosaria Spiteri
19.06.07	Portmoni bil-flus	Marion Grech
22.06.07	Ħwejjeġ	Rose Portelli
25.06.07	*Mobile phone*	Jovan Cauchi
30.06.07	Basket b'*mobile phone* u xugamani	Paul Rapa

It-28 ta' Settembru, 2007

INDIĊI TAL-PREZZIJIET BL-IMNUT

L-Oġġetti Kollha (Diċembru 2002 = 100)

	2007
Jannar	108.58
Frar	108.86
Marzu	109.40
April	110.16
Mejju	110.44
Ġunju	110.53
Lulju	110.67
Awissu	110.98

Oġġetti li kkaġunaw l-aktar tibdil:–

Oġġetti	Lulju 2007	Awissu 2007	Effett fuq l-Indiċi
Ikel			
Ħut, frisk jew iffriżat	116.25	144.86	0.17
Ħaxix	109.64	122.29	0.13
Ikel servut	115.82	118.13	0.07
Xorb u Tabakk			
Xorb mhux alkoħoliku servut	131.44	136.17	0.05
Ħwejjeġ u Żraben			
Ħwejjeġ ta' l-irgiel	88.74	80.04	-0.12
Ħwejjeġ tan-nisa	72.69	66.81	-0.11
Ħwejjeġ tal-bniet	78.26	72.89	-0.05

28th September, 2007

RETAIL PRICES INDEX

All Items (December 2002 = 100)

	2007
January	108.58
February	108.86
March	109.40
April	110.16
May	110.44
June	110.53
July	110.67
August	110.98

Items causing most change:–

Items	July 2007	August 2007	Effect on Index
Food			
Fish, fresh or chilled	116.25	144.86	0.17
Vegetables	109.64	122.29	0.13
Served meals and food	115.82	118.13	0.07
Beverages and Tobacco			
Served beverages -non-alcoholic on sales	131.44	136.17	0.05
Clothing and Footwear			
Men's outwear	88.74	80.04	-0.12
Women's outwear	72.69	66.81	-0.11
Girl's outwear	78.26	72.89	-0.05

Ilma u Elettriku				**Water and Electricity**			
Ħlas ta' l-elettriku	144.45	149.43	0.07	Electricity charges	144.45	149.43	0.07
Trasport u Komunikazzjoni				**Transport and Communication**			
Servizz ta' trasport bl-ajru	109.24	110.82	0.08	Air transport services	109.24	110.82	0.08

It-28 ta' Settembru, 2007

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Ingaġġ ta' Skrivani *Part-Time* fi Skejjel Statali

Id-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni tgħarraf li qed jintlaqgħu applikazzjonijiet mingħand persuni interessati li jiġu impjegati bħala skrivani fuq bażi *part-time* biex iwettqu dmirijiet f'din l-iskola:

Junior Lyceum tal-Bniet Maria Regina, Blata l-Bajda

2. Il-ħlas ikun bir-rata ta' Lm1.99 (€4.64) għal kull siegħa maħduma. L-iskrivani *part-time* ikunu ntitolati għall-*bonus* annwali u l-ħlas supplimentari ta' kull ġimgħa, it-tnejn fuq bażi *pro-rata* skond in-numru ta' sigħat maħduma.

3. L-ingaġġ ikun ta' natura għal kollox temporanja u jista' jiġi mitmum mill-Gvern jew mir-rappreżentant tiegħu jew inkella mill-istess skrivan *part-time,* f'kull żmien, billi jingħata avviż bil-miktub ġimgħa qabel, bla ma tingħata raġuni. L-ingaġġ ikun sospiż xorta waħda għal matul il-vaganzi ta' l-iskola tas-Sajf jew inkella matul parti minnhom.

4. Il-kandidati li jintgħażlu huma mistennija li jaħdmu bejn l-20 u l-25 siegħa fil-ġimgħa, normalment ħames sigħat kull ġurnata, fil-ħinijiet ta' l-iskola.

5. L-iskrivani *part-time* huma intitolati għal-*leave* bil-ħlas u *leave* għall-mard skond kif hemm provdut f'sezzjoni 4.11 tal-PSMC.

6. L-iskrivani *part-time* ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għas-Sejħiet għall-applikazzjonijiet li jkunu miftuħin għall-impjegati tal-Gvern ta' Malta.

7. Il-kandidati għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

28th September, 2007

EDUCATION DIVISION

Engagement of Part-Time Clerks in State Schools

The Director General Education Division invites applications for the engagement of clerks on a part-time basis to perform duties in the following School:

Maria Regina Girls' Junior Lyceum, Blata l-Bajda

2. Remuneration will be at the rate of Lm1.99 (€4.64) for every hour worked. Part-time clerks will also be entitled to the annual bonus and the weekly income supplement both on a pro-rata basis according to the number of hours worked.

3. The engagement will be of an entirely temporary nature and may be terminated by the Government or his lawful representative, or by the part-time clerk at any time, by giving a week's notice in writing without specifying any reason therefore. The engagement will however be suspended for the whole or part thereof, of the School Summer holidays.

4. Selected candidates will be expected to work between 20 and 25 hours a week, normally 5 hours a day, during school hours.

5. Part-time clerks will be entitled to paid vacation, sick or other type of paid leave as laid down in Section 4.11 of the PSMC.

6. Part-time clerks will not be eligible to apply for internal calls for applications open to serving Malta Government employees.

7. Candidates must:-

(a) be citizens of Malta or a European Union Member State;

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija;

(ċ) (i) ikollhom ċertifikat tal-*GCE*/Matrikola/*SEC*/*Matsec* (1-5) li juru *"passes"* fil-Livell Ordinarju fil-Malti, Lingwa Ingliża u l-Matematika u f'żewġ suġġetti oħra jew kwalifiki komparabbli.

JEW

(ii) jipprovdu evidenza li turi li huma kellhom impieg regolari mal-Gvern ta' Malta fi grad ta' mhux inqas minn skrivan.

(d) (i) ikollhom *'passes'* f'*Modules* 2,3,4 ta' l-ECDL;

JEW

(ii) ikunu jafu tajjeb il-*computer office applications*. L-applikanti jiġu ttestjati permezz ta' *test* prattiku biex jiġi żgurat li jafu kif meħtieġ f'dan il-qasam.

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet, għandu jiġi mehmuż ma' l-applikazzjoni).

(f) ikollhom 17-il sena jew aktar. L-applikanti jridu jissottomettu ċertifikat tat-twelid tagħhom flimkien ma' ċertifikat tat-twelid ta' missierhom. Iż-żewġ ċertifikati jridu jkunu dawk maħruġa minn Awtoritajiet Pubbliċi relevanti.

(g) (i) Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office.

(ii) Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Kap ta' l-Iskola u tkun ikkupjata lill-KNPD.

(b) must have the ability to communicate in the Maltese Language;

(c) (i) be in possession of GCE/Matriculation/SEC/Matsec (1-5) certificates showing passes at ordinary level in Maltese, English Language and Mathematics and at least two other subjects or comparable qualifications;

OR

(ii) produce evidence that they had held a regular employment with the Malta Government not below the grade of clerk;

(d) (i) be in possession of passes in Modules 2,3,4 of the ECDL;

OR

(ii) have a good working knowledge in computer office applications. Applicants will have to sit for a practical test to establish their knowledge in this area.

(e) be of good moral character (a Police certificate of conduct issued within 6 months prior to the closing date of applications should be provided);

(f) be 17 years of age or older. Applicants should produce their Birth Certificate with that of their father (issued from appropriate Public Authorities).

(g) (i) Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office.

(ii) Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Head of School and copied to the NCPD.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza jeħtieġ li jkunu kkonfermati minn ċertifikati u/jew dikjarazzjonijiet. (Fotokopji għandhom jiġu mehmuża ma' l-applikazzjoni). L-oriġinali ta' kull dokument għandu jiġi sottomess għall-verifikazzjoni fil-ħin ta' l-intervista.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview stage).

9. L-applikanti li jiġu ttestjati u jinstabu li jafiu tajjeb il-*computer* jew jiġu kkonfermati li jippossjedu l-*passes* f'*Modules* 2,3,4 tal-ECDL, indikati f'paragrafu 7 d(i) hawn fuq, ikunu intervistati minn Bord ta' Għażla biex jiġi stabbilit kemm huma adatti għall-post ta' skrivan *part-time*.

9. Eligible applicants who are tested and found to possess good working knowledge in Computing or who are confirmed to be in possession of the required passes in modules 2,3 and 4 of the ECDL Certificate indicated in paragraph 7d(i) above, will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post of part-time clerk.

10. Ir-riżultat u l-ordni tal-mertu finali ma jibqgħux validi wara sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat finali.

10. The validity of the final order of merit put up for each school will expire after two years from the publication of the final result.

11. Il-post vakanti u kull vakanza oħra li tinħoloq fl-istess skola timtela skond l-ordni tal-mertu finali li tkun ġiet stabbilita wara l-intervista u t-*test* li għalihom saret riferenza f'paragrafu numru 9 hawn fuq.

11. The vacant post and any subsequent vacancy arising in each particular school will be filled in accordance with the final order of merit put up after the interview and the test referred to in 9 above.

12. Il-kandidati magħżula jsirilhom eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għall-post.

12. Successful candidate/s selected to fill the vacant post/s will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

13. (a) Applikazzjonijiet fuq il-formola preskritta, u li jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Kap ta' l-Iskola li għaliha tkun se ssir l-applikazzjoni, jintlaqgħu mill-istess Kap ta' l-Iskola sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, it-12 ta' Ottubru 2007.

13. (a) Applications on the prescribed form which are available from the Office of the Head of School for which the application is intended, will be received by the same Head of School by not later than noon of Friday, 12th October 2007.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta sad-data ta' l-għeluq għall-applikazzjonijiet, permezz tal-*fax* jew inkella permezz ta' messaġġ ieħor simili jiġu kkunsidrati sakemm dawn ikollhom id-dettalji kollha mitluba. L-applikazzjoni formali bil-firma ta' l-applikant trid tasal sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq flimkien ma' spjegazzjoni dwar id-dewmien.

(b) Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the school by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay.

14. (a) L-applikazzjonijiet imwassla bl-idejn jingħataw irċevuta mill-Kap ta' l-Iskola dak il-ħin stess.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Head of School and a receipt will be given at the time of delivery.

(b) Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati fi żmien tajjeb biex jaslu qabel id-data u l-ħin ta' l-għeluq. L-applikazzjonijiet jingħataw irċevuta bil-miktub mill-Kap ta' l-Iskola fi żmien sebat ijiem.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Head of School, within seven days.

15. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

15. Late applications will not be considered.

It-28 ta' Settembru, 2007

28th September, 2007

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Sejħa għall-Applikazzjonijiet għall-Postijiet Akkademiċi (Junior College)

L-oqsma ta' l-ispeċjalizzazzjoni huma fil:-

Franċiż, Bijoloġija, Kimika u Fiżika

2. Il-kandidati jrid ikollhom kwalifiki ta' livell għoli fis-suġġett. Esperjenza fit-tagħlim u kwalifika fil-livell tal-post-secondrju fis-suġġett jiġu kkunsidrati. Min jinħatar irid jaqdi dmirijietu fil-Junior College u skond il-ħtiġijiet ta' l-Università.

3. Il-ħatra tista' ssir fil-grad ta' Lettur jew Assistent Lettur.

Is-salarji marbuta mal-gradi rispettivi huma:

Lettur - Lm8,744 (€20,368) li jiżdied b'*increments* ta' Lm200 (€466) fis-sena għal Lm9,344 (€21,766)

Assistent Lettur - Lm7,571 (€17,636) li jiżdied b'*increments* ta' Lm200 (€466) fis-sena għal Lm8,171 (€19,034).

Jekk ikollu *Master's* degree:

Lm8,007 (€18,651) li jiżdied b'*increments* ta' Lm200 (€466) fis-sena għal Lm8,607 (€20,049).

Dawk li jiġu magħżula jista' jkollhom is-salarju tagħhom aktar mill-minimu ta' l-iskala tas-salarju rispettiv.

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae,* kopja waħda taċ-ċertifikati u tliet ismijiet u indirizzi ta' *referees* lill:-

Uffiċċju tar-Riżorsi Umani
Kamru 216, Uffiċċji Amministrattivi
L-Università ta' Malta
Msida, MSD 2080

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mhux aktar tard sa nofsinhar tal-Ġimgħa, it-12 ta' Ottubru, 2007.

Applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb jew mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi jew mill-*website*: http://home.um.edu.mt/hr/index2.html

It-28 ta' Settembru, 2007

UNIVERSITY OF MALTA

Call for Applications for Academic Post (Junior College)

The required areas of specialisation are in:-

French, Biology, Chemistry and Physics

2. Candidates must be in possession of high level qualifications in the subject, together with relevant teaching qualifications and experience at post secondary level in the subject. The appointees will be required to perform duties at the Junior College and as may be required by the University.

3. The appointments may be made in the grade of Lecturer or Assistant Lecturer.

The salaries attached to the respective grades are:

Lecturer - Lm8,744 (€20,368) rising by annual increments of Lm200 (€466) to Lm9,344 (€21,766)

Assistant Lecturer Lm7,571 (€17,636) rising by annual increments of Lm200 (€466) to Lm8,171 (€19,034)

If in possession of a Master's degree:

Lm8,007 (€18,651) rising by annual increments of Lm200 (€466) to Lm8,607 (€20,049).

Appointees may be placed at a point above the minimum in the respective salary scale as appropriate.

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and names and addresses of three referees to:-

Office of Human Resources
Room 216, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

Applications should be received by not later than noon of Friday, 12th October, 2007.

Late applications will not be considered.

5. Further information may be obtained from the Office of Human Resources, Room 216, Administration Building or on the website: http://home.um.edu.mt/hr/index2.html

28th September, 2007

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Sejħa għal Applikazzjonijiet għall-Post ta' *Systems Engineer* (fil-Manifattura)

Is-*Systems Engineer* (Manifattura) ikun involut fl-akkwist, fil-kummissjoni, operazzjoni u manutenzjoni tas-sistemi tal-manifattura installati fil-laboratorji u *workshops* amministrattivi mid-Dipartiment ta' l-Inġinerija ta' l-Industrija u l-Manifattura, u kif ikun meħtieġ mill-Università. Il-post jinvolvi l-amministrazzjoni ta' kuljum u fejn ikun meħtieġ, l-awtomazzjoni ta' xogħlijiet operattivi ta' kuljum. Il-post hu mmirat biex isaħħaħ u jtejjeb il-koordinazzjoni tas-sistemi tal-manifattura fid-Dipartiment u dawk tal-*Workshops* ta' l-Università, impjegati b'mod kollettiv għat-tagħlim, riċerka xjentifika u attivatijiet fis-servizzi tekniċi.

2. Il-kandidati jrid ikollhom grad fl-*honours* fl-inġinerija mekkanika u jkollhom esperjenza kemm fis-sistemi ikonvenzjonali u mhux konvenzjonali tal-manifattura preferibbilment f'kuntest industrijali f'ISO 9000 u ISO 14001. Esperjenza fid-disinn, *sourcing,* operazzjoni, immaniġġjar ta' tibdil, immuntar u spezzjoni tas-sistemi fil-manifattura tkun mixtieqa. Minħabba n-natura ta' dan il-post, il-kandidati jrid ikollhom jew juru li huma eliġibbli li jġibu l-*Warrant* fl-Inġinerija skond il-ħtiġijiet leġislattivi.

3. Is-salarju għal dan il-post huwa ta' Lm7,275 (€16,946) fis-sena b'żidiet ta' Lm228 (€531) fis-sena għal massimu ta' Lm8,643 (€20,133).

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae,* kopja waħda taċ-ċertifikati u tliet ismijiet u indirizzi ta' *referees* lill:-

Uffiċċju tar-Riżorsi Umani
Kamru 216, Uffiċċji Amministrattivi
L-Università ta' Malta
Msida, MSD 2080

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mhux aktar tard minn nofsinhar ta' l-Erbgħa, l-10 ta' Ottubru, 2007.

Applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website:* http://home.um.edu.mt/hr/index2.html

It-28 ta' Settembru, 2007

UNIVERSITY OF MALTA

Call for Applications for Post of Systems Engineer (Manufacturing)

The Systems Engineer (Manufacturing) will be involved in the acquisition, commissioning, operation and maintenance of manufacturing systems installed within the laboratories and workshops administered by the Department of Industrial and Manufacturing Engineering, and as may be required by the University. The post will also entail the daily administration and where appropriate, automation of day-to-day operational tasks. This post is aimed at supporting and improving the coordination of the manufacturing systems of the Department and those of the University Workshop, collectively employed for teaching, scientific research and technical service activities.

2. Applicants for this post need to be in possession of an honours degree in mechanical engineering and will have been exposed to both conventional and non-conventional manufacturing systems preferably in an ISO 9000 and ISO 14001 industrial context. Experience in designing, sourcing, operating and managing realization, assembly and inspection manufacturing systems would be highly desirable. Due to the nature of this post, applicants should be in possession of the Ing. Warrant in accordance with legislative requirements.

3. The salary attached to the post is Lm7,275 (€16,946) rising by annual increments of Lm228 (€531) to Lm8,643 (€20,133).

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and names and addresses of three referees to:-

Office of Human Resources
Room 216, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

Applications should be received by not later than noon of Wednesday, 10th October, 2007.

Late applications will not be considered.

5. Further information may be obtained from the Office of Human Resources, Room 216, Administration Building or on the website: http://home.um.edu.mt/hr/index2.html

28th September, 2007

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi - *Part-Time Lecturing Staff*
(Permess ta' l-ETC Nru. 188/2007)

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet mingħand persuni li huma kwalifikati u interessati li jgħallmu fuq il-korsijiet ta' fil-għodu/fil-għaxija tal-Kulleġġ f'xi wieħed mid-disa' Istituti f'Malta u fiċ-Ċentri ta' l-MCAST f'Għawdex fix-Xagħra u x-Xewkija. Wieħed jista' jara l-oqsma ta' studju fuq il-*website* ta' l-MCAST www.mcast.edu.mt

Kandidati prospettivi huma mistiedna biex jimlew u jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom sa nhar it-Tnejn, il-15 ta' Ottubru, 2007, f'nofsinhar.

L-applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani ta' l-MCAST, għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċjal Prinċipali Amministrattiv, Bini ta' l-Amministrazzjoni, il-Kampus Prinċipali ta' l-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid, PLA 9032.

Ma jiġux ikkunsidrati applikazzjonijiet li jaslu tard.

Persuni li diġà qed jgħallmu l-MCAST fuq bażi *part-time* għandhom jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom.

It-28 ta' Ottubru, 2007

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies - Part-Time Lecturing Staff
(ETC Permit No. 188/2007)

The Malta College of Arts, Science and Technology invites applications from individuals who are suitably qualified and who are interested in teaching on the College's day and/or evening courses in any of its nine Institutes in Malta and at the MCAST Gozo Centres in Xagħra and Xewkija. The areas/fields of study may be viewed on the MCAST website at www.mcast.edu.mt

Prospective candidates are invited to submit their application by not later than Monday, 15th October, 2007, at noon.

Applications, which are available online and from the MCAST Human Resources Office, are to be addressed to the Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032.

Late applications will not be considered.

Individuals who are already teaching on a part-time basis at the MCAST must also submit their application.

28th September, 2007

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

Ingaġġ ta' *Sport Coaches* u *Leaders*

Permess ta' l-ETC Nru. 187/2007
Permess ta' l-MPO Nru. MPO/84/2005/01

Il-Kunsill Malti għall-Isport jgħarraf se jingaġġa *Sport Coaches* u *Leaders* biex ikunu parti mill-*coaching team* fi ħdan il-programmi sportivi għall-istaġun 2007/2008.

Applikazzjonijiet jintlaqgħu mingħand persuni interessati l-aktar Għalliema tal-PE, Studenti Universitarji li jkunu qed jsegwu *degree* fil-PE, Studenti, kif ukoll mingħand *Sport Coaches/Instructors* kwalifikati. Applikanti interessati jistgħu jiksbu aktar informazzjoni mill-*website* tal-KMS fuq www.sportmalta.org.mt jew e-mail kms@sportmalta.org.mt

Applikazzjonijiet, inklużi kopji ta' ċertifikati, għandhom jiġu indirizzati lill-Uffiċjal Eżekuttiv Prinċipali, Kunsill Malti għall-Isport, Kumpless Sportiv Kottonera, Vjal Cottoner, Bormla BML 9020.

Id-data ta' l-għeluq meta jintlaqgħu l-applikazzjonijiet hija nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Ottubru, 2007

It-28 ta' Settembru, 2007

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

Recruitment of Sport Coaches and Leaders

ETC Permit No. 187/2007
MPO Permit No. MPO/84/2005/01

The Kunsill Malti għall-Isport will be recruiting Sport Coaches and Leaders to be part of its coaching team within its sport programmes for season 2007/2008.

Applications will be received from interested persons, particulary PE Teachers, University Students reading for a degree in PE, Students, as well as from qualified Sport Coaches/Instructors. Interested applicants may obtain more information from the KMS website www.sportmalta.org.mt or e-mail kms@sportmalta.org.mt

Applications, including copies of certificates, are to be addressed to the Chief Executive officer, Kunsill Malti għall-Isport, Cottonera Sports Complex, Cottoner Avenue, Cospicua BML 9020.

The closing date for submission is Friday, 5th October, 2007.

28th September, 2007

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Riżultat għall-Post ta' *Principal Agricultural Officer* fid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex

Id-Direttur għall-Progetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex jgħarraf illi r-riżultat għall-post imsemmi hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board* tal-Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex u fl-uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-28 ta' Settembru, 2007

MINISTRY FOR GOZO

Result for the Post of Principal Agricultural Officer in the Department of Projects and Development within the Ministry for Gozo

The Director Projects and Development, Ministry for Gozo notifies that the result for theabovemnetioned post has been published and may be viewed on the notice-board at the Ministry for Gozo, Pjazza San Franġisk, Victoria, Gozo and at the office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

28th September, 2007

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Riżultat ta' l-Intervisti għall-Postijiet ta' *Economics Officer* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, jgħarraf illi r-riżultat ta' l-intervisti għall-postijiet imsemmija hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fin-*notice-board* prinċipali fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 173, Triq San Kristofru, Valletta, u fuq in-*notice-board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-28 ta' Settembru, 2007

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Result of Interviews for the Posts of Economics Officer within the Ministry for Rural Affairs and the Environment

The Permanent Secretary, Ministry for Rural Affairs and the Environment, notifies that the result of the interviews for the above-mentioned posts has been published and may be viewed on the main notice-board at the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 173, Triq San Kristofru, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

28th September, 2007

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U GĦALL-INTERN

Riżultat għall-Post ta' Nutar fit-Taqsima Proprjetà tal-Gvern

Id-Direttur Ġenerali (Taqsima Proprjetà tal-Gvern) jgħarraf li r-riżultat għall-post imsemmi hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fin-*notice-board* fit-Taqsima Proprjetà tal-Gvern, fil-Berġa tal-Baviera, Valletta, u l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-28 ta' Settembru, 2007

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

Result for the Post of Notary at the Government Property Division

The Director General (Government Property Division) notifies that the result for the above mentioned post has been published and can be viewed on the notice-board at the Government Property Division, Auberge de Baviere, Valletta, and at the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

28th September, 2007

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U GĦALL-INTERN

Riżultat ta' l-Intervisti għall-Post ta' Uffiċjal *In Charge* biex ikun Ingaġġat fuq Kuntratt, Bord dwar il-Petizzjonijiet fid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali

Ngħarrfu għall-informazzjoni ta' kulħadd illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-pożizzjoni msemmija hawn fuq fin-

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

Result of the Interviews for the Engagement on Contract in the Position of Officer in Charge, Petitions Board in the Department for Local Government

It is notified for general information that the result of the interviews for the abovementioned position may be viewed on

notice-board tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, 26, Triq l-Arċisqof, Valletta, u fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-28 ta' Settembru, 2007

MINISTERU TAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

Riżultati ta' l-Intervista għall-Postijiet fid-Diviżjoni tas-Saħħa fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Id-Direttur Ġenerali jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-intervista għall-postijiet imsemmija hawn taħt fin-*notice-board* prinċipali fid-Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-postijiet huma dawn li ġejjin:
Senior Foreman (Sptar Monte Carmeli)
Uffiċjal Tekniku *(Hyperbaric Unit)*

It-28 ta' Settembru, 2007

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U INFRASTRUTTURA

Riżultat għall-Postijiet ta' *Senior Architect and Civil Engineer* fil-*Unit* tar-Restawr tad-Dipartiment għall-Kostruzzjoni u l-Manutenzjoni tat-Taqsima tax-Xogħlijiet, Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura

Id-Direttur Ġenerali (Taqsima tax-Xogħlijiet) jgħarraf illi r-riżultat għall-postijiet imsemmija hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fin-*notice-boards* ta' Project House, il-Furjana u l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-28 ta' Settembru, 2007

MINISTERU GĦALL-KOMPETITTIVITÀ U KOMUNIKAZZJONI

Riżultati għall-Postijiet fit-Taqsima tal-Kummerċ, Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni

Ngħarrfu għall-informazzjoni ta' kulħadd illi r-riżultati ta' l-intervisti għall-postijiet imsemmi hawn taħt ġew ippubblikati u wieħed jista' jarahom fin-*notice-board* fit-Taqsima tal-Kummerċ, Lascaris, Valletta u fuq in-*notice-board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-postijiet huma dawn li ġejjin:
Principal Economics Officer
Inġinier/Inġinier *Junior (*Mekkanikal*)*

It-28 ta' Settembru, 2007

the notice-board at the Department for Local Government, 26, Triq l-Arċisqof, Valletta, and on the notice-board at the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

28th September 2007

MINISTRY OF HEALTH, THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

Results of Interview for Posts in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Director General notifies that the result of the interview for the undermentioned posts may be viewed on the main notice-board in the Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

The posts are the following:
Senior Foreman (Mount Carmel Hospital)
Technical Officer (Hyperbaric Unit)

28th September, 2007

MINISTRY FOR RESOURCES AND INFRASTRUCTURE

Result for the Posts of *Senior Architect and Civil Engineer* in the Restoration Unit of the Construction and Maintenance Department, Works Division, Ministry for Resources and Infrastructure

The Director General (Works Division) notifies that the result for the above-mentioned posts has been published and may be viewed on the notice-boards at Project House, Floriana and the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

28th September, 2007

MINISTRY FOR COMPETITIVENESS AND COMMUNICATIONS

Results of Posts in the Commerce Division, Ministry for Competitiveness and Communications

It is notified for general information that the results of the interviews for the posts mentioned hereunder have been published and may be viewed on the notice-board of the Commerce Division, Lascaris, Valletta, and on the notice-board at the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

The posts are the following:
Principal Economics Officer
Engineer/Junior Engineer (Mechanical)

28th September, 2007

COMPARATIVE RETURN OF REVENUE
for the period 1st January 2007 to 31st August 2007

		Budget 2007	Actual Revenue Jan - Aug 2007	Actual Revenue Jan - Dec 2006	Actual Revenue Jan - Aug 2006
		Lm	*Lm*	*Lm*	*Lm*
REVENUE					
I	Customs and Excise Duties	84,755,000	48,458,249	69,184,461	46,736,013
